



DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ GĦALL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ U L-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ
tal-4 ta' Diċembru 2025
LI TIMPONI SANZJONIJIET FUQ IL-PARTIT POLITIKU EWROPEW
“IL-PARTIT TAX-XELLUG EWROPEW”
(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

L-AWTORITÀ GĦALL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ U L-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ

Wara li kkunsidrat

- it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 10, il-paragrafu 4 tiegħu,
- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,
- ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej kif emendat¹ (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014”), u b'mod partikolari l-Artikoli 20, 22, 27 u 29 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Partit tax-Xellug Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-“EL”) għandu s-sede tiegħu fi Brussell, il-Belġju, u ġie rreġistrat bħala partit politiku Ewropew permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Awwissu 2017 tal-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej (minn hawn 'il quddiem l-“Awtorità”) (2017/C 428/11).
- (2) Fis-27 ta' Ġunju 2025, l-EL issottometta lill-Awtorità dikjarazzjonijiet finanzjarji u dokumentazzjoni oħra relatati mas-sena 2024 fid-dawl tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. L-awtorità talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-EL permezz ta' emails tat-22 ta' Lulju u tat-12 ta' Settembru 2025, li għalihom l-EL issottometta twegħibiet fil-25 ta' Lulju 2025 u fid-19 ta' Settembru 2025, rispettivament, rigward l-interazzjonijiet li ġejjin:
 - vjaġġ ta' delegazzjoni tal-EL lejn il-Venezwela fl-okkażjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali ta' dak il-pajjiż fit-28 ta' Lulju 2024, wara stedina mill-*Partido Socialista Unido de Venezuela* (“PSUV”) u li kien jinvolvi l-aċċettazzjoni ta' ħelsien mill-kostijiet tal-ivvjaġġar għaċ-ċittadini ta' oriġini mhux tal-UE, u

¹ ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1, kif emendat bir-Regolament (UE) 2018/673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Mejju 2018, ĠU L 114I, 4.5.2018, p. 1, u bir-Regolament (UE, Euratom) 2019/493 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019, ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 7.

- parteċipazzjoni finanzjarja f'attività f'“Espace Niemeyer” f'Pariġi, Franza li kienet tinvolvi l-*Parti communiste français* (“PCF”) fit-2 ta' Frar 2024, bl-isem “Soirée Haïti et sa révolution”.
- (3) Il-fatti u l-valutazzjoni legali ta' dawn l-interazzjonijiet huma stabbiliti separatament minn hawn 'il quddiem.

AĊĊETTAZZJONI TAL-HELSEN MILL-KOSTIJET TAL-IVVJAĠĠAR MILL- VENEZWELA

FATTI U PROĊEDURA

- (4) Wara stedina minn *[omissis]* f'isem il-*Partido Socialista Unido de Venezuela* (“PSUV”), grupp ta' seba' rappreżentanti tal-EL (id-“delegazzjoni”) ivvjaġġa lejn il-Venezwela fl-okkażjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali ta' dak il-pajjiż fit-28 ta' Lulju 2024. Id-delegazzjoni pparteċipat f'attivitajiet organizzati bħal diskors ta' *[omissis]* trażmess bil-vidjo u żjara f'post tal-votazzjoni. Id-delegazzjoni ħadet ukoll ritratt quddiem ritratt ta' *[omissis]*, wieħed mill-kontestanti fl-elezzjoni tal-2024, kif ukoll ritratt b'bandiera bil-logo tal-EL u bil-ponn mgħolli quddiem poster “*Encuentro con acompañantes internacionales - Elecciones Presidenciales 2024*”.
- (5) Fis-sottomissjonijiet tiegħu dwar is-sena 2024 tas-27 ta' Ġunju 2025 u l-25 ta' Lulju 2025, l-EL indika li ħallas EUR 673,20 għall-vjaġġ tad-delegazzjoni lejn il-Venezwela u pprova d-deskrizzjoni li ġejja: “*Vjaġġ organizzat mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Relazzjonijiet Internazzjonali ma' assoċjazzjonijiet lokali u organizzazzjonijiet politiċi biex jiġu appoġġjati t-taqbidiet tax-xellug globali u tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali*”. Id-dokumentazzjoni sottomessa lill-Awtorità kien fiha l-ispejgazzjoni addizzjonali li ġejja: “*Il-kost totali ta' din l-attività huwa limitat għall-kost imġarrab mill-EL biex ikopri l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tiegħu għall-attività msemmija hawn fuq.*”
- (6) Permezz tal-email tagħha tat-22 ta' Lulju 2025, l-Awtorità talbet dettalji dwar is-sħab ta' kooperazzjoni tal-EL.
- (7) Fit-tweġiba tiegħu tal-25 ta' Lulju 2025, l-EL iddikjara: “*Nixtiequ niċċaraw li jekk oriġinarjament ma inkludejniex l-ismijiet tas-sħab ta' kooperazzjoni għall-attivitajiet li inti elenkajt fit-tieni parti tal-punt 3, dan huwa minħabba li ma qisniex dawn l-organizzazzjonijiet bħala sħab ta' kooperazzjoni fil-qafas ta' avveniment. Dawn l-organizzazzjonijiet jew stiednu lir-rappreżentanti politiċi tal-EL jew iffaċilitaw l-arranġamenti loġistiċi għar-rappreżentanti tagħna biex iwettqu l-oġettivi ppjanati fuq il-post, u eżerċitajna r-relazzjonijiet internazzjonali tagħna (primarjament l-iskambju politiku u l-għbir ta' informazzjoni)*”. Fl-hemżiet mal-email tiegħu tal-25 ta' Lulju 2025 lill-Awtorità, l-EL ipprova l-informazzjoni li ġejja dwar is-sħab ta' kooperazzjoni f'din l-attività: “*Partido Socialista Unido de Venezuela (PSUV – Asuntos Internacionales)*”.
- (8) Permezz tal-email tagħha tat-12 ta' Settembru 2025, l-Awtorità talbet id-dokumentazzjoni addizzjonali li ġejja fir-rigward ta' din l-attività: “*i. ritratti meħuda*

matul l-attività, u ii. arranġamenti kuntrattwali u finanzjarji stabbiliti mas-sħab ta' kooperazzjoni f'din l-attività".

- (9) L-EL wieġeb permezz ta' email fid-19 ta' Settembru 2025 bil-kummenti li ġejjin dwar id-dokumenti mehmūza: *"a. Stampi fil-link.; b. Ma kien hemm l-ebda ftehim kuntrattwali peress li l-missjoni tagħna kienet li nosservaw l-elezzjonijiet"*.
- (10) Minbarra materjal fotografiku, l-EL issottometta lill-Awtorità kopja elettronika ta' ittra bil-lingwa Spanjola datata t-8 ta' April 2024, iffirmata minn [omissis] f'isem il-Partit Soċjalista Venezwelan (*Partido Socialista Unido De Venezuela*), indirizzata lil [omissis], "*Partido de Izquierda Europea*". Il-kontenut ewlieni ta' din l-ittra huwa stabbilit f'dan li ġejj:
- "Reciba usted un saludo solidario de parte del Partido Socialista Unido de Venezuela. Aprovecho la oportunidad para expresar, en nombre del pueblo bolivariano, nuestro profundo respeto y reconocimiento por la causa que usted diariamente emprende a favor de la felicidad de los pueblos del mundo.*
- Como usted sabe, el próximo 28 de julio se celebrarán en Venezuela las elecciones presidenciales para el período 2025 - 2031. Este evento es de trascendental importancia para el destino de la Revolución Bolivariana y demás procesos políticos en América Latina y el mundo. En esta elección, el Presidente Nicolás Maduro Moros es el candidato de la esperanza y la dignidad de la Patria de Bolívar y Chávez, con quien garantizamos la estabilidad y felicidad en el futuro, el fortalecimiento de la unidad latinoamericana y la construcción de un mundo más humano y multipolar.*
- En ese sentido, le extendemos nuestra invitación para que acompañe a nuestro pueblo durante el desarrollo dicho evento electoral. De ser positiva su respuesta, le solicitamos respetuosamente confirmar su voluntad a través del correo electrónico: [omissis], así como compartir por esa **vía su teléfono de contacto y documento de viaje**. Esperamos su respuesta afirmativa antes del 30 de abril a fin de ampliar /os detalles logísticos respectivos a su participación en esta jornada tan especial.*
- Sin nada más que agregar, le reitero en nombre del [omissis], nuestra plena solidaridad y compromiso con su lucha, la cual también es nuestra lucha"*.
- (11) Fl-email ta' akkumpanjament tiegħu tad-19 ta' Settembru 2025 lill-Awtorità, l-EL ipprova wkoll l-ispejgazzjonijiet addizzjonali li ġejjin: *"Barra minn hekk, fuq nota oħra rigward il-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali, peress li huwa l-ewwel ċiklu ta' konformità li qed niskambjaw dwar dan it-tip ta' spiża, jekk jogħġbok ippermettili niċċara: L-uniku fatt li għandhom komuni bejniethom ilkoll huwa li qatt mhu qed nikkooperaw finanzjarjament ma' ħadd meta nibagħtu delegazzjoni fuq dawn il-missjonijiet. Il-fatturi l-oħra kollha jvarjaw ħafna skont diversi fatturi bħall-pajjiż innifsu u kif dan jittratta l-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali. Ċertament, mhux se mmorru nosservaw l-elezzjonijiet f'pajjiżi li ma jħalluniex nagħmlu dan. Iżda barra minn hekk, kif tista' tara fil-fajls li bgħattna, il-Messiku, pereżempju, għandu tradizzjoni twila ta' kumitat elettorali miftuħ u organizzat ħafna li għandu apparat sħiħ biex jorganizza u jilqa' missjonijiet ta' osservazzjoni internazzjonali. F'pajjiżi oħra dan jista' ma jkunx il-każ u filwaqt li mhumix qed jipprojbixxu missjonijiet internazzjonali ta' osservazzjoni elettorali, tipikament lanqas ma jkollhom workshops/seminars/materjali ta' informazzjoni eċċ. li min-naħa tagħna nistgħu nuruk bħala prova. Dak li normalment nagħmlu huwa li nippruvaw niltaqgħu, minbarra li nwettqu l-osservazzjoni elettorali f'jum l-elezzjoni, mal-partiti politiċi u/jew mal-*

fondazzjonijiet sabiex nifhmu l-klima politika attwali b'rabta mal-elezzjoni u b'hekk inkunu nistgħu niktbu rapport aktar inklużiv tal-missjoni tagħna aktar tard".

- (12) *[omissis]* huwa, u kien diġà fiż-żmien tal-istedina, soġġett għal sanzjoni mill-Unjoni Ewropea bħala “*Involunt fid-dgħajfien tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, inkluż bl-użu tal-media biex jattakka pubblikament u jhedded l-oppożizzjoni politika, media oħra u s-soċjetà ċivili u jagħti ordnijiet biex jinżammu individwi, inkluż lis-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivjan (SEBIN)*” (il-punt 7 tal-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela, ĠU L 295, 14.11.2017, p. 60, kif emendata b'mod partikolari bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2498 tal-10 ta' Novembru 2023, ĠU L, 2023/2498, 13.11.2023).
- (13) Skont informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-prezzijiet tal-2024, il-kostijiet tal-ivvjaġġar għal kull persuna mill-Unjoni Ewropea lejn il-Venezwela ammontaw għal mill-anqas EUR 480 għal titjira ta' ritorn, u lejl f'akkomodazzjoni sempliċi f'lukanda f'Caracas mill-anqas EUR 30 għal kull persuna.

Il-ftuħ tal-investigazzjoni, id-dritt li wieħed jinstema' u l-opportunità li jittieħdu miżuri korrettivi

- (14) Permezz ta' ittra tas-17 ta' Ottubru 2025, l-Awtorità infurmat lill-EL li fetħet investigazzjoni dwar l-interazzjoni msemija hawn fuq mal-PSUV u pprovdiet sommarju tal-fatti disponibbli, kif ukoll valutazzjoni *interim* li tindika li l-EL kien kiser l-Artikolu 20(5)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
- (15) L-awtorità tat lill-EL l-opportunità li jikkummenta sat-18 ta' Novembru 2025 u li jieħu miżuri korrettivi xierqa biex jirrimedja s-sitwazzjoni skont l-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 sal-istess data.
- (16) Fit-tweġiba tiegħu lill-Awtorità tat-18 ta' Novembru 2025, l-EL iddikjara: “*Għandek issib dikjarazzjoni ffirmata mill-persuna responsabbli għar-relazzjonijiet internazzjonali u membru tas-segretarjat politiku tagħna - Maite Mola - li tagħti spjegazzjoni Prattika għall-attività tagħna bħala osservaturi elettorali fl-elezzjonijiet tal-Venezwela tal-2024.*”
- (17) L-EL ipprova dokument bid-data tas-17 ta' Novembru 2025 bl-Ingliż u bl-Ispanjol dwar din l-attività li bih *[omissis]*, *[omissis]* u informa li r-rappreżentanti tal-EL ipparteċipaw f’“delegazzjoni ta' osservazzjoni fl-2024” fil-Venezwela. Il-formulazzjoni tal-verżjoni Ingliża tal-ittra kif ipprovduta lill-Awtorità hija stabbilita hawn taħt:

“Spjegazzjoni dwar id-Delegazzjoni tal-EL għall-Osservazzjoni tal-Elezzjonijiet tal-Venezwela 2024

[...] bħala kap tar-relazzjonijiet internazzjonali tal-EL, nixtieq, kif tlabt inti, nibgħatlek spjegazzjoni bil-miktub dwar il-kwistjoni msemija hawn fuq wara t-tnedija ta' investigazzjoni mill-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej (APPF) tal-Parlament Ewropew. Il-Partit tax-Xellug Ewropew, flimkien ma' organizzazzjonijiet oħra madwar id-dinja, ilu involut f'ħidma ta' osservazzjoni

elettorali fl-Amerka Latina u fl-Afrika għal ħafna snin. Il-kostituzzjonijiet ta' xi pajjiżi f'dawn il-kontinenti jirrikonoxxu dan il-kompitu ta' osservazzjoni internazzjonali, filwaqt li oħrajn le. Il-Venezwela hija każ speċjali fejn huwa konswetudinarju u normali għall-partiti nazzjonali mill-isferi politiċi kollha li jistiednu organizzazzjonijiet barranin biex jgħinu josservaw l-elezzjonijiet. Dan kien il-każ tad-delegazzjoni ta' osservazzjoni tagħna fl-2024. Nikkonferma bil-firma tiegħi bħala rappreżentant internazzjonali għal żmien twil, eks viċi president u membru tas-segretarjat politiku attwali tal-EL li l-mod li bih aġixxejna bħala osservaturi, inklużi l-ispejjeż imġarrba, kien l-uniku mod possibbli min-naħa tagħna.”

- (18) Fit-tweġiba tiegħu tat-18 ta' Novembru 2025, l-EL ma indika li kien irrimborża l-ebda vantaġġ riċevut, u lanqas li kien ħa jew kien qed jipproponi xi azzjoni korrettiva oħra.

VALUTAZZJONI TAL-FATTI FID-DAWL TAL-QAFAS LEGALI

- (19) Skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, “*‘donazzjoni’ tfisser kwalunkwe offerta ta' flus, kwalunkwe offerta in natura, il-forniment taħt il-valur tas-suq ta' kwalunkwe prodotti, servizzi (inkluż self) jew xogħlijiet, u/jew kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-partit politiku Ewropew jew għall-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati, bl-eċċezzjoni ta' kontribuzzjonijiet mill-membri u l-attivitajiet politiċi tas-soltu li jsiru fuq bażi volontarja minn individwi.*”
- (20) L-Artikolu 20(5)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jipprevedi li “*Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ma għandhom jaċċettaw l-ebda waħda minn dawn li ġejjin: [...] (d) donazzjonijiet minn kwalunkwe entità privata bbażata f'pajjiż terz jew minn individwi minn pajjiż terz li mhumex intitolati li jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.*”
- (21) Skont l-Artikolu 20(6) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, “*kwalunkwe donazzjoni li ma tkunx permessa taħt dan ir-Regolament għandha, fi żmien 30 jum wara d-data li fiha tkun rċevuta minn partit politiku Ewropew jew minn fondazzjoni politika Ewropea: (a) tintbagħat lura lid-donatur jew lil kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem id-donatur; jew (b) meta ma jkunx possibbli li tiġi rritornata, tiġi rrappurtata lill-Awtorità u lill-Parlament Ewropew. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jistabbilixxi l-ammont irċevut u jawtorizza l-irkupru skont id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 78 u 79 tar-Regolament Finanzjarju. Il-fondi għandhom jiddaħħlu bħala dħul ġenerali fit-taqsimha tal-Parlament Ewropew tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.*
- (22) L-Artikolu 27(2)(b)(i) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jipprevedi li: “*2. L-Awtorità għandha timponi sanzjonijiet finanzjarji fis-sitwazzjonijiet li ġejjin: [...] (b) ksur kwantifikabbli:*

(i) meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu aċċettaw donazzjonijiet u kontribuzzjonijiet li ma jkunux permessi taħt l-Artikolu 20(1) jew (5), hlied jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20(6);”.

- (23) Ara l-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jipprevedi li:
- “1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni finali relatata ma’ xi waħda mis-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 27, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jagħtu lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati l-opportunità li jdaħħlu daww il-miżuri meħtieġa biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni fi żmien raġonevoli, li normalment m’għandux jaqbeż xahar. B’mod partikolari, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jippermettu l-possibbiltà li jiġu korretti żbalji klerikali u aritmetiċi, li jingħataw dokumenti jew informazzjoni addizzjonali fejn meħtieġ jew li jiġu kkoreġuti l-iżbalji minuri li jista’ jkun hemm.*
- 2. Meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jonqsu milli jieħdu miżuri korrettivi fiż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, għandha tittieħed deċiżjoni rigward l-impożizzjoni tas-sanzjonijiet xierqa msemmija fl-Artikolu 27.”*

a) Kummenti introduttorji dwar il-qafas regolatorju

- (24) Donazzjoni hija kwalunkwe vantaġġ ekonomiku riċevut minn partit politiku Ewropew jew minn fondazzjoni politika Ewropea minn parti li ma tkunx membru. Il-kunċett ta’ vantaġġ ekonomiku li fuqu hija bbażata d-definizzjoni ta’ donazzjoni jfisser li mhux biss il-pagamenti bil-quddiem favur partit politiku Ewropew huma koperti minn din id-dispożizzjoni, iżda wkoll iċ-ċirkostanzi li fihom il-vantaġġ jiġi pprovdut f’forma oħra, bħal pagamenti lil parti terza biex il-partit politiku Ewropew jinħelsu mill-ispejjeż jew mid-djun, jew rimborż tal-ispejjeż imġarrba.
- (25) L-aċċettazzjoni ta’ pagamenti bil-quddiem, rimborżi, serħan mid-dejn jew kwalunkwe forma oħra ta’ vantaġġ ekonomiku ma tistax tiġi kkompensata, jew inkella titneħħa mir-restrizzjonijiet legali li japplikaw għad-donazzjonijiet, billi jiġu pprovduti “servizzi” jew azzjonijiet kontroparti oħra li ma jaqgħux fl-ambitu legali u leġittimu tal-attivitajiet tal-partiti politiċi Ewropej kif stabbilit fl-Artikolu 10(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
- (26) Jekk donazzjoni tkun ġiet riċevuta minn partit politiku Ewropew jew minn fondazzjoni politika Ewropea, japplikaw il-limitu massimu u l-projbizzjonijiet ta’ orijini korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 20(1) u (5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, u f’konformità mal-Artikolu 20(6) tiegħu, jinħoloq rekwiżit fi żmien 30 jum biex jiġu rritornati donazzjonijiet ipprojbati jew, jekk impossibbli, jiġu nnotifikati l-Awtorità u l-Parlament Ewropew bil-ħsieb li jitħallas l-ammont korrispondenti fil-baġit tal-Unjoni.

b) Applikazzjoni għall-fatti tal-każ

i) Vantaġġ ekonomiku favur l-EL minn oriġini ta' pajjiż terz

- (27) L-ispejjeż imġarrba mill-EL għall-ivvjaġġar tad-delegazzjoni lejn il-Venezwela, kif irrappurtat lill-Awtorità minn-EL, ammontaw għal EUR 673,20.
- (28) Għalhekk, id-delegazzjoni tal-EL irċeviet b'mod ċar appoġġ finanzjarju fil-forma ta' pagament, rimborż jew servizz tal-ivvjaġġar mingħand jew f'isem il-PSUV li stedinhom, li jammonta għad-differenza bejn il-pagament li sar mill-EL għad-delegazzjoni tiegħu u l-kost reali minimu tal-ivvjaġġar (Unjoni Ewropea-Venezwela u lura) u l-akkomodazzjoni (mill-anqas żewġ iljieli), jiġifieri minimu ta' EUR 3106,80 (= 7x480 + 7x60./ 673,20). Dan il-vantaġġ ekonomiku ġie riċevut mill-EL innifsu, anke jekk tħallas jew ġie pprovdut b'xi mod ieħor lill-membri tad-delegazzjoni tal-EL, peress li naqqas l-ispejjeż tal-ivvjaġġar imġarrba mill-EL.
- (29) Il-vantaġġ ekonomiku li għalhekk irċieva l-EL mill-Venezwela ma kienx ikkumpensat minn xi "servizz" legali u leġittimu pprovdut mill-EL bi tpattija. B'mod aktar partikolari, l-EL ma kkontribwixx għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew taċ-ċittadini tal-Unjoni, u lanqas ma pprova xi valur miżjud Ewropew f'isem iċ-ċittadini tal-Unjoni, kif meħtieġ fid-dawl tal-Artikolu 10(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, meta d-delegazzjoni tiegħu vvjaġġat lejn il-Venezwela u pparteċipat f'attivitajiet fuq stedina, fl-interess tal-partit fil-gvern attwali, il-PSUV, u fil-biċċa l-kbira mħallsa minnu.
- (30) Barra minn hekk, id-delegazzjoni tal-EL tippreżenta ruħha bħala parti minn sforz internazzjonali ta' osservazzjoni elettorali, speċjalment fid-dawl tal-ittra ta' stedina, l-istatus ta' "akkumpanjatur internazzjonali", u żjara f'post tal-votazzjoni. Din l-allegazzjoni li jaġixxu bħala osservaturi elettorali hija kkonfermata wkoll mill-EL fit-tweġiba tiegħu tat-18 ta' Novembru 2025 għad-dritt li wieħed jinstema'. Madankollu, id-delegazzjoni kisret diversi prinċipji fundamentali ta' osservazzjoni elettorali kif rikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea għal dawn l-attivitajiet², b'mod partikolari billi aċċettat li tattendi fuq stedina ta' waħda mill-forzi politiċi tal-pajjiż ospitanti li kienet qed tikkompeti f'dik l-elezzjoni, filwaqt li ppreżentat ruħha b'sinjalar politiku ta' appoġġ fil-kuntest ta' wieħed mill-partiċipanti fl-imsemmija elezzjonijiet, u aċċettat vantaġġi finanzjarji mill-partit politiku ta' dan tal-aħħar.
- (31) Għalhekk, l-EL ikkontribwixxa wkoll għal tentattiv organizzat mill-partit fil-gvern attwali biex l-elezzjonijiet presidenzjali Venezwelani tal-2024 jidhru leġittimi, filwaqt li l-Parlament Ewropew, abbażi tar-rapporti ta' osservaturi ġenwinament indipendenti, "*Jikkundanna bil-qawwa u jirrifjuta bis-sħiħ il-frodi elettorali orkestrata mis-CNE kkontrollat mir-reġim*" u "*Jinnota li rapporti minn missjonijiet internazzjonali ta' osservazzjoni elettorali jiddikjaraw b'mod ċar li l-elezzjoni presidenzjali Venezwelana tat-28 ta' Lulju 2024 ma ssodisfatx l-istandards internazzjonali ta' integrità elettorali*"³. Tħassib simili dwar l-elezzjonijiet presidenzjali Venezwelani tal-2024 ġie espress ukoll mir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni

² www.eods.eu/methodology.

³ Ir-riżoluzzjoni tad-19 ta' Settembru 2024 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela (2024/2810(RSP)), https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-10-2024-0013_MT.pdf

f'isem l-Unjoni Ewropea⁴. Filwaqt li dan it-tfassib speċifiku għe espress wara l-elezzjonijiet tal-2024, kien kompletament prevedibbli għall-EL fiż-żmien li aċċetta l-vantaġġ ekonomiku mill-PSUV u wera l-appoġġ tiegħu lil dak il-partit fil-Venezwela, b'mod partikolari minħabba r-rapportar preċedenti tad-dikjarazzjonijiet tal-UE dwar l-elezzjonijiet organizzati qabel f'dak il-pajjiż. Fil-fatt, kien magħruf sew u diġà għe kkritikat mill-Parlament Ewropew qabel l-elezzjonijiet tal-2024, li l-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali uffiċjali tal-UE kienet tkeċċiet mill-gvern ta' [omissis] wara l-ħidma tagħha biex tosserva l-elezzjonijiet reġjonali u muniċipali tal-2021, u li kienu jeżistu dubji sinifikanti dwar ir-regolarità tal-elezzjonijiet presidenzjali tal-2024 li ġejjin wara d-detenzjoni u l-iskwalifika arbitrarja tal-kandidati tal-oppożizzjoni⁵.

- (32) L-Awtorità eżaminat ukoll l-ittra ta' [omissis], li l-EL ibbaża fuqha fil-kummenti tiegħu lill-Awtorità tat-18 ta' Novembru 2025, u li targumenta li “[...] *il-mod li bih aġixxejna bħala osservaturi, inklużi l-ispejjeż imġarrba, kien l-uniku mod possibbli min-naħa tagħna*”.
- (33) Madankollu, f'dan il-kuntest, l-Awtorità tissottolinja li l-EL ma jistax jirreferi għall-kundizzjonijiet imposti minn interlokutur ta' pajjiż terz sanzjonat mill-Unjoni Ewropea, jew fuq deċiżjoni ta' partit politiku f'pajjiż terz jew dipartimenti tal-gvern ta' pajjiż terz, sabiex jiġġustifika l-aċċettazzjoni ta' vantaġġ ekonomiku li huwa pprojbit mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, u lanqas biex jinjora l-ambitu tal-attivitajiet legali u leġittimi ta' partit politiku Ewropew fid-dawl tal-Artikolu 10(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'dan il-każ, anke jekk tabilħaqq il-kundizzjonijiet għall-ivvjaġġar lejn il-Venezwela kif implimentati mill-EL, inkluż il-ħelsien mill-kostijiet tal-ivvjaġġar, ġew imposti mill-PSUV mingħajr alternattiva kif jallega l-EL, jidher ċar li l-għażla li d-delegazzjoni *ma tivvjaġġax* lejn il-Venezwela skont dawn il-kundizzjonijiet, u għalhekk li l-EL ma jirċievi l-ebda vantaġġ ekonomiku mill-PSUV, kienet tkun l-alternattiva konformi disponibbli li kellha tintgħażel.

ii) Konklużjoni tal-Artikolu 20(5)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014

- (34) L-EL ingħata vantaġġ ekonomiku mingħand jew f'isem il-PSUV għall-ammont indikat hawn fuq. Konsegwentement, peress li l-PSUV, bħala entità mhux tal-UE, la huwa u lanqas ma jista' jkun parti membru tal-EL li mingħandu l-EL ikun intitolat li jaċċetta kontribuzzjonijiet (ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-25 ta' Novembru 2020, *ACRE vs Il-Parlament*, T-107/19), l-EL irċieva donazzjoni minn oriġini pprojbita skont it-tifsira tal-Artikolu 20(5)(d) kif jinqara b'mod konġunt mal-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
- (35) Barra minn hekk, peress li fi żmien 30 jum l-EL ma rritornax din id-donazzjoni u lanqas ma rrapportaha bil-ħsieb li jħallasha lill-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 20(6) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-EL aċċetta d-donazzjoni pprojbita u b'hekk kiser id-dispożizzjonijiet korrispondenti.

⁴ Ara d-Dikjarazzjoni tal-10 ta' Jannar 2025, <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2025/01/10/venezuela-statement-by-the-high-representative-on-behalf-of-the-eu-on-the-events-of-10-january-2025/>

⁵ Ir-riżoluzzjoni tat-8 ta' Frar 2024 dwar aktar repressjoni fil-konfront tal-forzi demokratiċi fil-Venezwela attakki fuq [omissis] (2024/2549(RSP)), il-premessa J (osservaturi elettorali preċedenti tal-UE mkeċċija), il-premessa E-I (detenzjoni u skwalifika arbitrarja ta' kandidati tal-oppożizzjoni), https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2024-0080_MT.html

c) Nuqqas ta' miżuri korrettivi

- (36) L-EL ma użax l-opportunità li jieħu miżuri korrettivi, kif previst mill-Awtorità f'konformità mal-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 bl-ittra tagħha tas-17 ta' Ottubru 2025 bi skadenza raġonevoli sat-18 ta' Novembru 2025.
- (37) B'mod aktar partikolari, l-EL ma implimentax, u lanqas ma offra, xi miżura biex jirrimedja l-ksur tal-Artikolu 20(5)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 u skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. Għalhekk, l-Awtorità kienet meħtieġa tiddeċiedi s-sanzjoni xierqa f'konformità mal-Artikolu 27 tagħha.

d) Tip u ammont ta' sanzjoni

- (38) F'konformità mal-Artikolu 27(2)(b)(i) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, tapplika sanzjoni finanzjarja għal ksur kwantifikabbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 20(5) tiegħu. Kif jinqara b'mod konġunt mal-Artikolu 27(4)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-ammont tiegħu għandu jkun 100 % tas-somom irregolari riċevuti.
- (39) L-EL irrapporta lill-Awtorità spejjeż relatati ma' din l-attività ta' EUR 673,20. Skont informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-prezzijiet tal-2024, il-kostijiet tal-ivvjaġġar għal kull persuna mill-Ewropa lejn il-Venezwela ammontaw għal mill-anqas EUR 480 għal titjira ta' ritorn, u lejl f'akkomodazzjoni ta' lukanda sempliċi ta' mill-anqas EUR 30 għal kull persuna.
- (40) Il-vantaġġ ekonomiku mogħti lill-Venezwela jammonta għad-differenza bejn il-pagament li sar mill-EL għad-delegazzjoni tiegħu u l-kost reali tal-ivvjaġġar (Ewropa-Venezwela u lura) u l-akkomodazzjoni (mill-anqas żewġt iljieli), jiġifieri minimu ta' EUR 3 106,80 (= 7x480 + 7x60./. 673,20).

e) Konsegwenzi oħra

- (41) Din is-sanzjoni hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni jew miżura tal-uffiċjal awtorizzanti tal-Parlament Ewropew jew tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fil-mandati rispettivi tagħhom.
- (42) F'konformità mal-Artikolu 32(1)(g) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, id-dettalji ta' din id-deċiżjoni u r-raġunijiet għaliha għandhom jiġu ppubblikati fuq sit web maħluq għal dak il-għan, filwaqt li jitqies ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAL ATTIVITÀ DWAR IL-HAITI FIL-KWARTIERI ĠENERALI TA' PARTIT FIL-LIVELL NAZZJONALI FI FRANZA

FATTI U PROĊEDURA

- (43) Fit-2 ta' Frar 2024 mis-18:00, attività bl-isem “Soirée Haïti et sa révolution” seħħet ġewwa “Espace Niemeyer”, parti mill-kwartieri ġenerali tal-PCF,⁶ f'Pariġi, Franza. Din l-attività ġiet deskritta mill-EL bħala “*Konferenza, wirja tal-arti, spetaklu taż-żfin u tal-mużika fl-okkażjoni tal-220 anniversarju tal-indipendenza tal-Haiti fil-kwartieri ġenerali tal-PCF f'Pariġi bil-parteċipazzjoni tad-dijaspora, tat-trade unions u tal-forzi soċjali tal-Haiti u ċ-Ċentru Trikontinentali*”.
- (44) L-avveniment kien immoderat minn [omissis], ippreżentat bħala “*membre de la direction nationale du PCF*”. Ingħata l-bidu b'intervent bl-isem “*Histoire et significations internationales de la révolution haïtienne*” minn [omissis], imsejjaħ “*membre de l'exécutif national du PCF, chargé des relations internationales*”. il-pożizzjoni ta' [omissis] bħala viċi president tal-EL ma ssemmietx f'dan il-kuntest, u ma kinitx viżibbli b'xi mod ieħor. L-introduzzjoni kienet segwita minn intervent minn [omissis], politiku, tabib tax-xjenza politika, professor mal-Institution Saint-Marie d'Anthony, bl-isem “*Histoire et significations internationales de la révolution haïtienne*”. Wara kien hemm diskussjoni madwar mejda bl-isem “*D'hier à aujourd'hui: comment la révolution haïtienne résonne dans les luttes d'émancipation actuelles des peuples?*”, li kienet tinkludi kelliema tal-korpi tal-Istat u tas-soċjetà ċivili relatati mal-Amerka Latina/il-Karibew fi Franza (l-Ambaxxata tal-Kolombja, l-Ambaxxata tal-Haiti, l-assoċjazzjonijiet ta' Franza-Haiti) flimkien ma' [omissis], imsemmija fil-programm bħala “*responsable des relations internationales du PGE*”. Dan kien segwit minn spetaklu ta' mużika u żfin kif ukoll forniment tal-ikel. Il-logo tal-EL kien assenti matul l-avveniment kollu fil-post: Ma kien hemm l-ebda poster jew legġju bit-tikketta tal-EL, u lanqas sfond tax-xena jew stand li juri l-logo tal-EL.
- (45) L-avveniment tħabbar fuq paġna ddedikata fuq is-sit web tal-PCF⁷ bit-test li ġej: “*Il y a 220 ans, le 1er janvier 1804, triomphait la Révolution haïtienne. En conquérant son indépendance, en brisant les chaînes de l'esclavage et du colonialisme et en établissant la première République noire, le peuple haïtien changeait la face du monde et écrivait l'histoire. Dans les Caraïbes, dans les Amériques, en Afrique, mais aussi en Europe, la victoire du peuple haïtien a constitué, et représente encore aujourd'hui, un symbole pour tous les peuples en lutte pour leur émancipation. Toutefois, dès le départ, la souveraineté d'Haïti a été niée, par les interventions extérieures, les dictatures, ou encore l'état de la dette et le peuple haïtien voit actuellement ses droits les plus élémentaires bafoués. Dès lors, 220 ans après la Révolution, comment poursuivre la lutte pour la souveraineté et l'émancipation ?*”.
- (46) Il-paġna tal-avveniment fuq is-sit web tal-PCF tinkludi logo kbir ta' PCF fin-naħa ta' fuq tax-xellug, kif ukoll poster b'xogħol artistiku u t-titlu tal-avveniment, mingħajr ebda logo, fiċ-ċentru ta' fuq. Il-logo tal-EL huwa viżibbli fir-rigward ta' dak l-avveniment meta tiżżumja fuq dokument tal-programm li huwa inkorporat fil-parti t'isfel tal-paġna msemmija hawn fuq, aċċessibbli wara li tiskrollja 'l isfel, taħt it-test

⁶ <https://espace-niemeyer.fr/le-siege-du-pcf/>

⁷ https://www.pcf.fr/soiree_haiti_et_sa_revolution

ikkwotat hawn fuq. Fuq dak il-programm, li l-EL isostni li ntuża wkoll bħala stedina, il-logo tal-EL huwa l-istess daqs bħal dak tal-PCF fuq il-lemin tiegħu, kif ukoll logos multipli ta' entitajiet privati bħal "Rhum Store" u "Pro Mart Haiti", fuq ix-xellug tiegħu. Fil-post fuq Facebook tal-PCF tad-9 ta' Frar 2024 li segwiet l-avveniment, ma hemm l-ebda logo ta' EL viżibbli fuq ir-ritratti ppubblikati, u lanqas referenza oħra għalih. It-test ta' akkumpanjament tal-post jinkludi t-titlu "*Belle et forte soirée pour célébrer les 220 ans de l'indépendance d'Haïti, vendredi 2 février 2024 au siège du PCF - Parti Communiste Français*", segwit minn sommarju tal-avveniment b'enfasi fuq "*solidarité avec les luttes actuelles du peuple haïtien*". Il-post tispiċċa bil-lista li ġejja: "*Pafha France-Haïti Collectif Haïti de France European Left Ambassade de la République d'Haïti en France Consulat Général D'Haïti, [...], Academi art*".

- (47) Fis-sottomissjonijiet tiegħu lill-Awtorità tas-27 ta' Ġunju 2025 u tal-25 ta' Lulju 2025, l-EL indika li l-kostijiet tal-EL fir-rigward ta' din l-attività ammontaw għal EUR 3 417,33 mill-kostijiet totali ta' EUR 5 500.
- (48) Permezz ta' email tat-12 ta' Settembru 2025, l-Awtorità talbet l-informazzjoni addizzjonali li ġejja: "*i. materjali, handouts li tqassmu matul l-attività; ii. ritratti meħuda matul l-attività*".
- (49) L-EL wieġeb fl-email tiegħu tad-19 ta' Settembru 2025:
 - "a. Ma kien hemm l-ebda handout/materjal speċifiku distribwit matul l-attività minbarra li l-programm kien disponibbli online. Konna diġà bgħatna l-programm fl-appell oriġinali u erġajna bgħatnieh hawnhekk.
 - b. Aħna diġà bgħatna wkoll ritratti iżda qed nerġgħu nagħmlu dan f'dan ir-rigward permezz tal-links kif ukoll permezz tar-ritratti nfushom."
- (50) Hemża mal-email tal-EL tad-19 ta' Settembru 2025 kien fiha 10 ritratti tal-attività, fuljett li jħabbarha u programm li jstabbilixxi s-suġġetti ewlenin u lista ta' kelliema. Il-fuljett iddeskriva l-attività bħala "*Histoire, débat et interludes artistiques tambours, danse, exposition de peintures, buffet haïtien et dégustation de rhum*". Ir-ritratti juru immaġnijiet tal-attività, li jinkludu kelliema fuq palk, pannelli, persuni li attendew u persuni oħra, inklużi mużiċisti. Wieħed mir-ritratti juri lil [omissis], li huwa l-viċi president tal-EL, iżda li ssemma fil-programm mingħajr referenza tal-EL, bħala "*membre de l'exécutif national du PCF, chargé des relations internationales*".

Il-ftuħ tal-investigazzjoni, id-dritt li wieħed jinstema' u l-opportunità li jittieħdu miżuri korrettivi

- (51) Permezz ta' ittra tas-17 ta' Ottubru 2025, l-Awtorità infurmat lill-EL li fetħet investigazzjoni dwar l-attività u pprovdiet sommarju tal-fatti disponibbli, kif ukoll valutazzjoni *interim* li tindika li, abbażi tal-fatti disponibbli, il-finanzjament ipprovdut għall-attività mill-EL kien jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
- (52) L-awtorità tat lill-EL l-opportunità li jikkummenta sat-18 ta' Novembru 2025 u li jieħu miżuri korrettivi xierqa biex jirrimedja s-sitwazzjoni skont l-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 sal-istess data.

- (53) Fit-tweġiba tiegħu lill-Awtorità tat-18 ta' Novembru 2025, l-EL ipprova d-dikjarazzjoni bil-miktub li ġejja:
- “Għandek issib ittra ffirmata minn [omissis], li kien ukoll kelliem fl-avveniment Haiti li qed tirreferi għalih, għalkemm mhux bħala EL iżda bħala PCF, fejn jispjega r-rabta tal-avveniment ma' kwistjonijiet ta' interess għall-UE. Mehmuż ma' din l-ittra se ssib ukoll l-intervent tiegħu għall-għeluq ta' dan l-avveniment. Irċevejna wkoll il-baġit globali finali għall-avveniment mill-partit membru tagħna l-PCF li minnu jista' jkun viżibbli li s-sehem tagħna kien aktar baxx milli rrappurtat oriġinarjament u għalhekk ir-rappreżentanza tagħna kienet tabilħaqq aktar konformi ma' dak li nfaqna għall-avveniment. Aħna nieħdu kont, kif għamilt int, li ma kienx hemm assenza totali tal-logo tagħna għall-avveniment; kellna l-logo tagħna fil-programm online u fl-istedina - li kien kruċjali għall-parteċipanti li ġejjin - u kellna kelliem wieħed minn erba' kelliema preżenti fl-avveniment. Barra minn hekk, bid-dokumenti mehmuż, jidher il-kuntest b'rabta mal-interessi tal-UE.”*
- (54) L-EL jissottometti wkoll li: *“Fid-dawl ta' dawn il-fatti aħna nqisu li huwa eċċessiv li niddikjaraw 100 % tal-ammont minfuq minna bħala ineliġibbli. Kif intqal qabel, nirrikonoxxu li element partikolari wieħed kien nieqes, għalhekk tabilħaqq qed nieħdu din l-investigazzjoni bħala tagħlima biex intejbu aktar l-istandards ta' rapportar tagħna lejk permezz ta' verifika doppja aktar rigoruża mas-sħab ta' kofinanzjament kollha dwar jekk l-aħħar ħarsa ġenerali lejn il-baġit globali tagħna hijiex ukoll l-aktar waħda aġġornata”.*
- (55) Fit-tweġiba tiegħu lill-Awtorità tat-18 ta' Novembru 2025, l-EL ipprova skeda bl-isem *“Haiti et sa révolution 02/02/2024 Budget plan”* li fiha ċifri ġodda relatati mal-baġit tal-attività. L-iskeda tindika l-ispejjeż tal-EL ta' (i) EUR 1 880 għal *“Traiteur+ Exposition+ Performance”*, u (ii) EUR 1 537,33 għal *“Dépenses voyage (l'intervenante + l' staff)”* b'total ta' EUR 3 417,33. Fir-rigward tal-PCF, l-iskeda tindika *“traiteur EUR 2 880”* u total ta' EUR 7 750 għal *“Mise à disposition des locaux”* inkluż *“Coupole”* (EUR 5 100) u *“cafeteria”* (EUR 2 650) b'ammont totali ta' EUR 8 750. Skont dan id-dokument, il-PCF jammonta għal EUR 1 000 mill-kost totali ta' EUR 2 880 għat-*“traiteur”*. Il-kost totali tal-attività u l-ispejjeż akkumulati l-oħra kollha mill-PCF u mill-EL, skont dan id-dokument il-ġdid, jammontaw għal EUR 12 167,33. Madankollu, għandu jiġi nnotat li dan l-ammont tal-aħħar jinkludi EUR 7 750 li allegatament tħallu mill-PCF għall-post f'*“Espace Niemeyer”*, li madankollu huwa parti mill-kwartieri ġenerali tal-PCF stess.
- (56) It-tweġiba tal-EL lill-Awtorità tat-18 ta' Novembru 2025 inkludiet ittra ta' [omissis] lil [omissis] datata 17 ta' Novembru 2025 bil-kontenut li ġej:
- “Je me permets de vous adresser ce courrier afin de partager avec vous les perspectives issues de la conférence « Haïti et sa révolution », et d'en souligner la portée significative pour les politiques de l'Union européenne. Cet événement a réuni notamment [omissis] du collectif citoyen Haïti-France, ainsi que [omissis] au ministère des Affaires étrangères et des Cultes de la République d'Haïti. Cette rencontre nous a permis de mettre en lumière des enjeux essentiels qui interpellent l'Union européenne. L'Union européenne possède une délégation en république d'Haïti. Le contenu des relations actuelles entre l'UE et la république d'Haïti est formalisé dans le cadre de l'accord global de l'Union européenne avec les pays Afrique-Caraïbes-Pacifique (ACP), dit accord de Cotonou, conclu en 2000 et renégocié en 2021. Le Parlement*

européen s'est positionné sur la situation en Haïti fin 2019. Mais à la suite des évolutions de la situation politique, le Parlement européen a adopté une résolution sur la situation en Haïti, le 20 mai 2021. Un appel de députés européens concernant la situation en Haïti a été publié par le journal « L'Humanité » le 2 juillet 2021. Au-delà de la commémoration du bicentenaire de la révolution haïtienne, les différents intervenants ont pu réinterroger les politiques de l'UE et d'un certain nombre d'États membres, notamment la France, envers Haïti. La conférence de février 2024 nous avait permis de nouer un dialogue direct avec des actrices et acteurs haïtiens, mettant en lumière l'importance cruciale d'une main tendue de l'UE pour construire des partenariats fondés sur le codéveloppement et la réalisation des Objectifs de développement durable. La France et l'Union européenne disposeraient là d'une incontournable opportunité pour aġir dans le sens du droit, en rompant une fois pour toutes avec le mythe de la prétendue « ingouvernabilité » d'Haïti, entretenu de longue date.”

- (57) Is-sottomissjoni tal-EL tat-18 ta' Novembru 2025 kienet tinkludi traskrizzjoni tal-intervent ta' [omissis] matul l-attività. F'dan l-intervent, [omissis] indirizza r-rilevanza tar-rivoluzzjoni Haitjana għall-iżvilupp tal-poplu Haitjan u r-rwol tal-pajjiż fid-dinja. It-test jindirizza wkoll il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-popolazzjoni Haitjana u l-kawżi possibbli. Fl-intervent tiegħu, [omissis] argumenta wkoll: “*Il y a urgence d'une autre politique de la France et de l'UE. Le ministère des Affaires Etrangères et de l'Europe décrit ainsi sur son site les relations franco-haïtiennes : « Proches par une langue et une histoire partagées, voisines par la présence des collectivités françaises d'Amérique, Haïti et la France entretiennent des liens étroits d'amitié et de solidarité ».* Mais de quoi parle-t-on ?” and “*Education, santé...ce sont quelques uns des liens qui unissent ces deux pays mais qui peuvent, à travers la réalisation des Objectifs de Développement Durable de l'ONU, unir nos relations entre l'UE et Haïti, et au-delà toute l'Amérique Latine*”.
- (58) Fit-tweġiba tiegħu tat-18 ta' Novembru 2025, l-EL ma indikax li rkupra l-appoġġ finanzjarju pprovdut, u lanqas li kien wettaq jew kien qed jipproponi xi azzjoni korrettiva oħra.

VALUTAZZJONI TAL-FATTI FID-DAWL TAL-QAFAS LEGALI

- (59) L-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jipprevedi li “*il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn kwalunkwe sors ieħor ma għandux jintuża għall-finanzjament dirett jew indirett ta' partiti politiċi oħra, u b'mod partikolari l-partiti nazzjonali jew il-kandidati.*”
- (60) L-Artikolu 27(2)(b)(ii) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, jipprevedi wkoll li:

“2. L-Awtorità għandha timponi sanzjonijiet finanzjarji fis-sitwazzjonijiet li ġejjin: [...]”

(b) ksur kwantifikabbli: [...]

(ii) f'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 21 u 22."

- (61) Ara l-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 li jipprevedi li:

"1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni finali relatata ma' xi waħda mis-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 27, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jagħtu lill-partit politiku Ewropew jew lill-fondazzjoni politika Ewropea kkonċernati l-opportunità li jdaħħlu dawk il-miżuri meħtieġa biex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni fi żmien raġonevoli, li normalment m'għandux jaqbeż xahar. B'mod partikolari, l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom jippermettu l-possibbiltà li jiġu korretti żbalji klerikali u aritmetiċi, li jingħataw dokumenti jew informazzjoni addizzjonali fejn meħtieġ jew li jiġu kkoreġuti l-iżbalji minuri li jista' jkun hemm.

2. Meta partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jonqsu milli jieħdu miżuri korrettivi fiż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, għandha tittieħed deċiżjoni rigward l-impożizzjoni tas-sanzjonijiet xierqa msemmija fl-Artikolu 27."

a) Kummenti introduttorji dwar il-qafas regolatorju

- (62) Mill-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jirriżulta li l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew minn xi sors ieħor ma għandux jintuża għall-finanzjament dirett jew indirett ta' partiti politiċi oħra, u b'mod partikolari l-partiti nazzjonali jew il-kandidati.
- (63) Fir-rigward ta' finanzjament indirett, ta' min ifakkar li l-ġhoti ta' vantaġġ ta' kwalunkwe tip lil partit politiku nazzjonali, mingħajr ma jġarrab il-kostijiet dak il-partit, jikkostitwixxi finanzjament indirett tal-attivitajiet ta' dan tal-aħħar (ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Novembru 2018, *MENL vs Il-Parlament*, T-829/16, EU:T:2018:840, il-punt 72). Tali finanzjament indirett iseħħ meta l-partit nazzjonali jikseb vantaġġ finanzjarju, anke jekk ma jkun hemm l-ebda trasferiment dirett ta' fondi, pereżempju jekk il-partit nazzjonali jiffranka l-ispejjeż li kieku jkunu dovuti (*Ibid.*). Għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni, għandha ssir referenza għal firxa ta' elementi, b'mod partikolari elementi ġeografiċi u taż-żmien, u elementi li jikkonċernaw il-kontenut tal-miżura ffinanzjata (*Ibid.*, fil-punt 83, u s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Novembru 2019, *ADDE vs Il-Parlament*, T-48/17, EU:T:2019:780, il-punt 71).
- (64) Il-valutazzjoni skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 ma tiddependix minn jekk il-partiti humiex membri - jew le - tal-partit politiku Ewropew inkwistjoni jew jekk humiex affiljati miegħu b'xi mod ieħor. Il-finanzjament dirett jew indirett tal-partiti kollha huwa pprobit irrispettivament minn jekk humiex membri jew le, kemm jekk ikunu fil-livell Ewropew kif ukoll jekk ikunu fil-livell nazzjonali, jew jekk ikunux ġewwa jew barra l-Unjoni Ewropea, kif ikkonfermat ukoll mill-premessa 28 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
- (65) Barra minn hekk, dan isegwi mill-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 kif jinqara b'mod konġunt mal-Artikolu 27(2)(b)(ii) tiegħu li "intenzjoni"

jew in-nuqqas tagħha mhumiex fattur rilevanti għall-kwistjoni ta' jekk l-Awtorità għandhiex tissanzjona ksur tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 fih biss referenza waħda għal imġiba intenzjonata, fl-Artikolu 27(2)(a)(vi) tiegħu, li madankollu mhijiex rilevanti f'dan il-każ.

- (66) Bis-saħħa tal-Artikolu 288 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 huwa att legali vinkolanti u direttament applikabbli tal-Unjoni. L-effett legali tiegħu ma jiddependix minn gwida mill-Awtorità. Madankollu, l-Awtorità pprovdiet gwida dwar iċ-ċirkostanzi ta' rilevanza Prattika, kemm pubblikament kif ukoll fil-komunikazzjonijiet direttament lill-partiti u lill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, li b'mod konsistenti fakkret li l-attivitajiet konġunti mal-partiti jew mal-fondazzjonijiet fil-livell nazzjonali ma kinux ipprojbti fihom infushom, iżda li hemm limitazzjonijiet f'dan ir-rigward. B'mod aktar speċifiku, l-ittra tal-Awtorità lill-partiti politiċi u lill-fondazzjonijiet Ewropej kollha tat-30 ta' Novembru 2022, bis-sottotitolu *“It-tfassil ta' attivitajiet konġunti b'seħem ta' finanzjament xieraq - “Pagatur fil-kontroll” iddikjarat rigward l-Artikolu 22 tar-regolament imsemmi li “[...] id-dispożizzjoni tirrikjedi li l-partiti politiċi Ewropej jiżguraw li tali attivitajiet ma jirriżultawx f'finanzjament indirett ta' partit ieħor (l-Artikolu 22(1) tar-Regolament), u fil-każ ta' fondazzjonijiet politiċi Ewropej li tali attivitajiet ma jirriżultawx f'attivitajiet ta' finanzjament indirett ta' tali partit jew fondazzjoni oħra (l-Artikolu 22(2) tar-Regolament)”*. L-ittra ddikjarat ukoll li l-viżibbiltà, il-livell ta' sjieda tas-sustanza u seħem ta' kofinanzjament li jirriflettu l-involvement ġenerali reali mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea meta mqabbla mal-partiti jew l-organizzazzjonijiet fil-livell nazzjonali kienu fatturi rilevanti biex tiġi ddeterminata l-konformità. L-ittra żiedet li *“[...] aktar ma jkun għoli s-seħem ta' attività konġunta ffinanzjata mill-partit politiku Ewropew jew mill-fondazzjoni politika Ewropea, aktar trid tkun għolja l-influwenza tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea fuq l-attività inkwistjoni, kemm f'termini ta' viżibbiltà kif ukoll fis-sustanza”*. L-ittra fakkret ukoll li tali gwida hija *“[...] mhux eżawrjenti u li r-Regolament jibqa' l-kejl legali fi kwalunkwe każ”*. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat f'dan il-kuntest li entità prudenti tista' tkun mistennija tifhem il-kunċett ta' finanzjament indirett anke fin-nuqqas ta' gwida speċifika (ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Novembru 2018, *MENL vs Il-Parlament*, T-829/16, EU:T:2018:840, il-punt 72).

b) Applikazzjoni għall-fatti tal-każ

i) Finanzjament mill-EL ta' partit politiku fil-livell nazzjonali

- (67) L-attività *“Haïti et sa révolution”* li saret fit-2 ta' Frar 2024 f'Pariġi, Franza, f'*“Espace Niemeyer”* tidher bħala avveniment tal-PCF għall-osservaturi. Dan jirriżulta, l-ewwel nett, mill-post tal-avveniment li jiffirma parti mill-kwartieri ġenerali nazzjonali tal-*Parti communiste français* (PCF). It-tieni, l-EL ma kienx preżenti b'kartellun, tikketta tal-leġġu, stand jew xena murija. B'kuntrast ma' dan, it-tielet, il-moderatur ġie nnominat bħala rappreżentant tal-PCF u l-preżentazzjoni introduttorja ngħatat minn persuna deskritta bħala membru ewlieni tal-PCF. Fid-dawl ta' dan, il-logo tal-EL fuq dokument tal-programm, ħdejn entitajiet privati u l-logo tal-PCF u mhux akbar minnhom, aċċessibbli online fuq il-paġna tal-avveniment tal-PCF taħt logo kbir tal-PCF, u biss meta wieħed jiżżumja wara li jiskrollja taħt it-test ta' spjegazzjoni tal-

avveniment, ma jbidilx din l-impressjoni ġenerali. Dan huwa aktar u aktar il-każ peress li l-ebda rabta materjali ma tista' tiġi stabbilita mill-qarrej bejn il-logos ta' "Rhum store" u entitajiet privati oħra murija ħdejn l-EL, u kwalunkwe rwol bħala koorganizzatur, anqas u anqas bħala koospitant tal-avveniment. Dan in-nuqqas ta' viżibbiltà sinifikattiva għall-EL huwa msaħħaħ aktar mill-post tal-media soċjali tal-PCF tad-9 ta' Frar 2024, bl-isem "*Belle et forte soirée pour célébrer les 220 ans de l'indépendance d'Haïti, vendredi 2 février 2024, au siège du PCF*". Id-dehra tal-isem tal-EL ikkwotat fost assoċjazzjonijiet u ambaxxata fl-aħħar nett ta' dik il-post, mingħajr l-ebda enfasi fir-rigward tal-PCF jew oħrajn preżenti, sempliċement tikkonferma l-fatt li l-EL ma kellu l-ebda viżibbiltà rilevanti, u li l-avveniment kien perċepibbli bħala wieħed tal-PCF biss.

- (68) Fis-sustanza wkoll, is-suġġetti diskussi ma għandhomx relazzjoni ma' kwistjonijiet speċifiċi għall-UE u, barra minn hekk, kwalunkwe tip ta' influwenza perċettibbli tal-EL fuq il-kontenut u l-ambitu tal-avveniment. Abbażi tal-materjali disponibbli, il-politiki tal-UE jew il-perspettivi relatati ma ġewx diskussi matul l-attività. L-intervent ta' [omissis] fih referenza marġinali u ta' livell għoli għall-UE, iżda fil-kuntest tal-politiki barranin Franċiżi. L-UE, jew il-politiki tal-UE lejn il-Haiti, jew l-impatt tas-sitwazzjoni fil-Haiti fuq l-UE, jew ix-xewqa li jinbidlu l-politiki attwali tal-UE fi proċess demokratiku, ma jissemmew bl-ebda mod. L-avveniment, għall-kuntrarju, kien iffukat fuq il-kultura lokali, il-politika, is-soċjoloġija u l-ekonomija tal-Haiti, kif ukoll, kif jindika l-post tal-media soċjali tal-PCF, "*solidarité avec les luttes actuelles du peuple haïtien*". Barra minn hekk, fi kwalunkwe każ, ma sar l-ebda diskors jew forma oħra ta' punt awtonomu tal-aġenda minn jew f'isem l-EL fl-avveniment. B'mod partikolari, il-preżenza ta' [omissis] ma kinitx dik ta' "wieħed minn erba' kelliema fl-avveniment" kif jallega l-EL fir-risposta tiegħu tat-18 ta' Novembru 2025: hija kienet biss waħda mill-partiċipanti f'diskussjoni madwar mejda flimkien ma' diversi partiċipanti speċifiċi għall-Amerka Latina/il-Karibew (l-Ambaxxata tal-Haiti, l-Ambaxxata tal-Kolombja, l-assoċjazzjonijiet tal-Haiti fi Franza...). Din id-diskussjoni madwar mejda segwiet diskorsi awtonomi tal-PCF u akkademiku bil-punti tal-aġenda tagħhom stess, u barra minn hekk il-moderazzjoni ġenerali tal-PCF akkumpanjat l-avveniment kollu kemm hu. Għalhekk, anke jekk wieħed jassumi li t-tikketta tal-akronimu "PGE" ħdejn l-isem ta' [omissis] fuq il-programm ippermettiet rabta li tintfiehmed biżżejjed u għalhekk perċepibbli tal-preżenza tagħha mal-EL, ir-relazzjoni tal-EL mas-sustanza tal-avveniment hija tant marġinali u subordinata li ma twassal l-ebda sjieda konġunta rilevanti tal-attività flimkien mal-PCF, kif ikun pereżempju l-istabbiliment identifikabbli tal-aġenda dwar suġġetti Ewropej, diskors ewlieni, introduzzjoni, konklużjoni, jew forum oħra ta' influwenza tal-kontenut attribwibbli b'mod traċċabbli għall-partit politiku Ewropew.
- (69) L-ispejgazzjonijiet ulterjuri pprovduti mill-EL fit-18 ta' Novembru 2025 mhumieħ kapaċi jimmodifikaw din il-valutazzjoni. B'mod aktar partikolari, il-fatt li, b'mod astratt, il-Haiti jista' jkollu effett fuq il-politiki tal-UE, jew li l-UE hija rappreżentata fil-Haiti, jew li l-Parlament Ewropew għadda riżoluzzjonijiet dwar il-Haiti kif argumentat minn [omissis], ma jbidilx in-natura ta' dan l-avveniment partikolari fejn dan l-effett fuq jew mill-UE la kien għan tematiku, u lanqas ma ġie esplorat *de facto*. Li jingħad mod ieħor ikun ifisser li kwalunkwe avveniment organizzat minn partit politiku fil-livell nazzjonali, jekk ikun relatat mal-politika lokali ta' kwalunkwe pajjiż terz, jista' jiġi ffinanzjat minn partit politiku Ewropew, dment biss li l-UE żżomm relazzjonijiet diplomatiċi ma' dak il-pajjiż jew li l-Parlament Ewropew jadotta

riżoluzzjoni dwar dan - evidentement din mhijiex proposta konvinċenti, peress li l-projbizzjoni li jiġu ffinanzjati indirettament il-partiti fil-livell nazzjonali mbagħad ma jkollha l-ebda effett f'avvenimenti relatati ma' pajjiżi terzi.

- (70) Skont is-sottomissjonijiet tal-EL, l-EL għamel disponibbli EUR 3 417,33 għall-attività, inklużi (i) EUR 1 880,00 bħala kontribuzzjoni għall-kostijiet għall-forniment tal-ikel ipprovdut u (ii) kost tal-ivvjaġġar ta' EUR 1 537,33 għal żewġ persuni. Il-bqija tal-kostijiet kienu, skont l-informazzjoni pprovduta mill-EL, imġarrba mill-PCF. Skont id-dokument l-aktar reċenti ppreżentat mill-PCF, bl-isem "*Haiti et sa révolution 02/02/2024 Budget plan*", il-kostijiet totali tal-attività ammontaw għal EUR 12 167,33.

ii) Konklużjonijiet tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014

- (71) L-EL ma kellux viżibbiltà rilevanti u ebda sjieda tal-attività. Għal din ir-raġuni, ir-relazzjoni bejn il-kontribuzzjoni tal-EL u s-sehem ipprovdut mill-PCF titlef is-sinifikat tagħha: *kwalunkwe* kontribuzzjoni pprovduta mill-EL għall-avveniment kienet ta' benefiċċju finanzjarju effettiv għall-PCF peress li dan kien, fis-sustanza, avveniment tal-PCF fil-Haiti. Għalhekk jibqa' irrilevanti għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni jekk l-ispejjeż allegatament imġarrba mill-PCF għal post fis-sede tagħha stess jistgħux jitqiesu b'mod leġittimu bħala parti mis-sehem tal-kostijiet tal-PCF lejn l-attività. Għalhekk, iċ-ċifri riveduti pprovduti mill-EL fit-18 ta' Novembru 2025 bi tweġiba għad-dritt li wieħed jinstema' fi kwalunkwe każ ma jbidlux il-konklużjoni.
- (72) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ġie stabbilit ksur tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, minħabba li kwalunkwe mezz finanzjarju u l-mezzi finanzjarji kollha pprovduti mill-EL għall-attività inkwistjoni kienu ta' benefiċċju għall-PCF billi ħelsuh mill-kost għall-avveniment tiegħu, u b'hekk ammontaw għal finanzjament indirett tal-PCF.

c) Nuqqas ta' miżuri korrettivi

- (73) L-EL ma użax l-opportunità li jieħu miżuri korrettivi, kif previst mill-Awtorità f'konformità mal-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 bl-ittra tagħha tas-17 ta' Ottubru 2025 bi skadenza raġonevoli sat-18 ta' Novembru 2025. B'mod aktar partikolari, l-EL ma rkupra l-ebda ammont mill-PCF fir-rigward tal-attività, u lanqas ma implimenta jew saħansitra offra xi miżura oħra biex jirrimedja l-ksur tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
- (74) Skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-Awtorità għalhekk kienet meħtieġa tiddeċiedi s-sanzjoni xierqa f'konformità mal-Artikolu 27 tiegħu.

d) Tip u ammont ta' sanzjoni

- (75) F'konformità mal-Artikolu 27(2)(b)(ii) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, tapplika sanzjoni finanzjarja għal ksur kwantifikabbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 22 tiegħu. Kif jinqara b'mod konġunt mal-Artikolu 27(4)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, l-ammont tiegħu għandu jkun 100 % tas-somom irregolari riċevuti.

- (76) Għalhekk, l-ammont ta' sanzjoni li jirriżulta mill-Artikolu 27(4)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 kif applikat għall-ksur tal-Artikolu 22 tiegħu huwa l-ammont nominali tal-finanzjament ipprovdut mill-EL għall-attività.
- (77) L-ammont ta' spejjeż li l-EL irrapporta lill-Awtorità fir-rigward ta' din l-attività huwa ta' EUR 3 417,33, li jinkludi ammont ta' EUR 1 537,33 relatat mal-kostijiet tal-ivvjaġġar għal żewġ parteċipanti fiha. Minħabba n-natura ta' dawn l-elementi ta' kost tal-aħħar li huma separabbli mill-appoġġ finanzjarju pprovdut lill-avveniment bħala tali, l-ammont korrispondenti mhuwiex inkluż fl-ammont li għandu jitqies skont l-Artikolu 27(4)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014. L-ammont li għandu jitqies għad-determinazzjoni tal-livell ta' sanzjoni huwa għalhekk ta' EUR 1 880.

e) Konsegwenzi oħra

- (78) Din is-sanzjoni hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni jew miżura tal-uffiċjal awtorizzanti jew tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fil-mandati rispettivi tagħhom.
- (79) F'konformità mal-Artikolu 32(1)(g) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014, id-dettalji ta' din id-deċiżjoni u r-raġunijiet għaliha għandhom jiġu ppubblikati fuq sit web maħluq għal dak il-għan, filwaqt li jitqies ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1: Sanzjoni għall-aċċettazzjoni ta' donazzjoni minn pajjiż terz

1. Għandha tiġi imposta sanzjoni finanzjarja fuq il-Partit tax-Xellug Ewropew f'konformità mal-Artikolu 27(2)(b)(i) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
2. Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, l-ammont tas-sanzjoni applikabbli għandu jkun ta' EUR 3 106,80.

Artikolu 2: Sanzjoni għall-finanzjament ta' partit politiku fil-livell nazzjonali

1. Għandha tiġi imposta sanzjoni finanzjarja fuq il-Partit tax-Xellug Ewropew f'konformità mal-Artikolu 27(2)(b)(ii) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014.
2. Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, l-ammont tas-sanzjoni applikabbli għandu jkun ta' EUR 1 880.

Artikolu 3

Il-Partit tax-Xellug Ewropew, Square de Meeûs 25, 1000 Brussell (il-Belġju), huwa d-destinatarju ta' din id-deċiżjoni.

Artikolu 4

It-test ta' din id-deċiżjoni għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Awtorità wara li jiġu redatti l-ismijiet tal-persuni fiżiċi li jidhru fiha.

Artikolu 5

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-Partit tax-Xellug Ewropew.

Magħmul fi Brussell, fl-4 ta' Diċembru 2025.

*Għall-Awtorità għall-Partiti Poliċi Ewropej u
l-Fondazzjonijiet Poliċi Ewropej
Id-Direttur*

Pascal Schonard

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-Partit tax-Xellug Ewropew għall-Artikolu 35 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014: *"Dritt ta' appell*

Deċiżjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament jistgħu jkunu s-suġġett ta' proċedimenti tal-qorti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TFUE."